



KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 2 ta' Frar 2010 (03.02)
(OR. en)

5932/10

JUR 57
INST 26
COUR 13

NOTA TA' TIFSIR

minn:	Is-Sur V. SKOURIS, President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
data:	29 ta' Jannar 2010
lil:	Is-Sur Miguel Ángel Moratinos, President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Konferenza tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri
Nru dok. preċ.:	5195/10 JUR 5 INST 2 COUR 1
Suġġett:	Rakkomandazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-Kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-TFUE

Sur President,

Bħala President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, għandi l-unur nibgħatlek, skont l-Artikolu 255 tat-TFUE, ir-rakkomandazzjoni rigward ir-regoli dwar il-kompożizzjoni tal-kumitat previst fl-imsemmi Artikolu 255.

Il-missjoni ta' dan il-kumitat hija li jagħti opinjoni dwar l-idoneitā tal-kandidati sabiex jaqdu l-funzjonijiet ta' Imħallef u ta' Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġeneralis qabel ma l-gvernijiet tal-Istati Membri jagħmlu l-ħatriet skont l-Artikoli 253 tat-TFUE u 254 tat-TFUE. Rigward il-kompożizzjoni ta' dan il-kumitat, l-Artikolu 255 tat-TFUE jipprevedi li dan għandu jinkludi seba' persuni magħżula minn fost membri precedingenti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġeneralis, membri ta' qratim supremi nazzjonali u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta, li wieħed minnhom għandu jiġi propost mill-Parlament Ewropew.

Permezz ta' ittra tal-21 ta' Jannar 2010, il-President tal-Parlament informani li l-Parlament jixtieq li s-Sinjura Ana PALACIO VALLELERSUNDI tinħatar membru ta' dan il-kumitat.

Fil-punt 3 tar-regoli dwar il-funzjonament ta' dan il-kumitat, li huma s-suġġett tar-rakkomandazzjoni li jien bgħattlek fil-11 ta' Jannar 2010, huwa stipulat li l-membri jinhātru għal perijodu ta' erba' snin.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, u sabiex ikun hemm kompożizzjoni ekwilibrata tal-kumitat kemm fir-rigward tal-bażi ġeografika tiegħu kif ukoll fir-rigward tar-rappreżentanza tas-sistemi legali tal-Istati Membri, niproponi illi l-Kunsill jaħtar bħala membri tal-imsemmi kumitat għal perijodu ta' erba' snin lil persuni li ġejjin.

- *Is-Sur Jean-Marc SAUVÉ, President*
- *Is-Sur Peter JANN, membru*
- *Lord MANCE, membru*
- *Is-Sur Torben MELCHIOR, membru*
- *Is-Sur Péter PACZOLAY, membru*
- *Is-Sinjura Ana PALACIO VALLELERSUNDI, membru*
- *Is-Sinjura Virpi TIILI, membru*

Is-Sur SAUVÉ bħalissa huwa l-Viċi-President tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika Franċiża.

Is-Sur JANN kien Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej mid-19 ta' Jannar 1995 sas-6 ta' Ottubru 2009.

Lord MANCE bħalissa huwa Mħallef tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit.

Is-Sur MELCHIOR bħalissa huwa President tal-Qorti Suprema tad-Danimarka.

Is-Sur PACZOLAY bħalissa huwa President tal-Qorti Kostituzzjonalis tal-Ungjerija.

Is-Sinjura Ana PALACIO VALLELERSUNDI hija avukat f'Madrid u kienet membru tal-Parlament Ewropew bejn l-1994 u l-2002.

Is-Sinjura TIILI kienet Imħallef tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej mit-18 ta' Jannar 1995 sas-6 ta' Ottubru 2009.

Għal kull bon fini, flimkien ma' din l-ittra qed nehmeż il-curriculum vitae ta' dawn il-persuni.

Fid-dawl tal-karriera professjonalis tas-Sur SAUVÉ, niproponi li huwa jinħatar bħala President tal-Kumitat.

Nitolbok taċċetta, Sur President, l-espressjoni tal-ogħla stima tiegħi,

Vassilios SKOURIS